# *Maestro di Cappella fil-Mosta*
# *FRANCESCO AZOPARDI (1748-1809)*
## *Hajtu u Hidmietu*

Noel D'Anastas

Sa tmiem is-seklu 16, f'Malta kien hawn diġà stabbiliti żewġ kappelli mużikali – dik fil-knisja ta' San Ġwann, il-Belt u dik tal-Katidral fl-Imdina. Dawn kienu jipprovdu l-mużika waqt servizzi reliġjużi – n-nukleu tal-kultura mużikali/ reliġjuża Maltija li fir-rivalità ta' bejniethom biex iħarsu lejn livell ogħla waslu biex impurtaw mużiċisti u kantanti fost l-aħjar li kien joffri s-suq Taljan ta' dak iż-żmien. Maż-żmien, dawn bdew xi ftit jew wisq idewwqu u jinfluwenzaw bl-iskola Taljana li ġabu magħhom lil diversi żgħażagħ li xi darba jew oħra ħolmu b'karriera bħal din. Ovvjament, l-ewwel tagħlim mużikali kienu jeħduh taħt dawn it-talin, imbagħad kienu jintbagħtu jipperfezzjonaw f'wieħed mill-konservatorji fl-Italja, ġeneralment dak Palermitan fis-seklu 17 jew Naplitan fis-seklu 18. Wara xi snin studju profond, kienu jiġu lura Malta u jgħinu fis-servizz mużikali fil-knejjes tagħna. B'konsegwenza ta' dan, is-sitwazzjoni kreativa u interprettativa f'pajjiżna waslet biex titqies b'livell għoli li tħabbatha mal-kontemporanji Taljani.

Xhieda ta' dan huwa l-arkivju mużikali tal-Katidral fl-Imdina, wieħed mill-aqwa arkivji mużikali minn nofs l-Italja 'l isfel li juri d-dominju ta' l-element u l-iskola Taljana impurtata f'dak iż-żmien. Għall-kuntrarju, l-arkivju mużikali tal-knisja ta' l-Ordni ta' San Ġwann ma nstabx wara t-tluq tal-Kavallieri.

L-iskola Naplitana f'dan l-arkivju tal-Katidral tidher fix-xogħlijiet ta' Carlo Gesualdo (1560-1613), Giovanni Salvatore (Seklu 16), G. M. Sabino (Sekli 16/17), Salvatore Rispoli (16/17 Seklu), Giacomo Insanguine (1728-95) u Niccolo Jommelli (1714-1774) – wieħed mill-kontemporanji tal-Malti Francesco Azopardi, Rabti li s-snin sittin tas-seklu tmintax qattagħhom fil-Konservatorju *Sant Onofrio*, wieħed mill-erba' konservatorji li konna nsibu fil-Belt Naplitana, iċ-ċentru ta' profondità mużikali għas-sess maskili, l-istess belt li fiha studjaw diversi kompożituri Maltin fosthom Pietru Gristi (1696-1738), li kien l-ewwel wieħed li ntbagħat jistudja f'Napli, (grazzi għall-Kapitlu tal-Katidral), Dun M'Anġ Vella, Dun Beninju Zerafa, Nicolò Isouard, Salvatore

Magrin kif ukoll aktar lura fiż-żmien insibu xi membri fi ħdan id-dinastija tal-familji Nani u dik ta' Bugeja. Bla dubju, Napli tibqa' l-belt li fiha rat il-karriera ta' Gilolamo Abos, li t'età żgħira kien intbagħat Napli u baqa' hemm. Meta kiber u stabbilixxa ruħu, lil Abos insibuh fil-Konservatorju *Dei Poveri di Gesù Cristo*, għalliem ta' Dun Benigno Zerafa (1726-1804).

Fl-ibliet u fl-irħula Maltin, l-attività mużikali ma kinitx daqshekk pompuża daqskemm kienet fil-Katidral fl-Imdina jew fil-knisja tal-Kavallieri. L-attività mużikali fil-Mosta kienet issir l-aktar fil-festa ta' l-Assunta. Mill-manuskritt *Esito Veneranda Lampade* li jġib is-snin bejn l-1776 u l-1837, liema manuskritt jinsab fil-knisja arċipretali tal-Mosta insibu diversi ħlasijiet għall-attività mużikali tal-festa. Fil-fatt, lejn l-aħħar kwart tas-seklu 18 u l-bidu bikri tas-seklu 19, is-surmastrijiet li ħadu ħsieb il-mużika fil-Mosta kienu Dun Benigno Zerafa, Francesco Azopardi, Gaetano Ettore, Can. Giuseppe Debono, is-Senglean Salvatore Portelli, il-Kjeriku Gioacchino Micallef u Pietru Pawl Bugeja. Uħud minn dawn, isimhom jibqa' minqux fl-istorja tal-mużika Maltija għall-kontribut li taw sew bħala Maestri di Cappella, organisti u mużiċisti fil-"Cappella" tal-Katidral jew fil-Kon-Katidral kif ukoll bħala kompożituri. [1]

Din is-sena, se nagħtu ħarsa fil-qosor lejn il-ħajja u l-karriera ta' wieħed mill-aktar mużiċisti u kompożituri li ddominaw il-mużika Maltija – Francesco Azopardi.



Francesco Azopardi (1748-1809)

**Francesco Azopardi – identità**
Jgħixu ftit 'il bogħod mill-Katidral u mill-Imdina, konna nsibu lil Salvatore Azopardi, mastrudaxxa li kien miżżewweġ lil Anna Agius. Dawn kellhom sitt ulied – Beatrice Teresa, Pietro Paolo, Aurelio, Rosa, Giuseppe u Francesco.[2] Dawn kienu joqogħdu fil-kwartier tal-Konti Felice Manduca, fir-Rabat.[3]

Francesco Azopardi, twieled ir-Rabat fil-5 ta' Mejju 1748. Ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali tar-Rabat mill-Viċi Parroku Dun Pietru Attard. Il-parrinijiet kienu Francesco Mamo u Gratuilla Chetcuti. L-ismijiet mogħtija kienu Giovanni Battista, Agostino, Francesco u Giuseppe. [4] T'età żgħira, Francesco kien affaxxinat mid-daqq li kien jisma' waqt il-funzjonijiet fil-Katidral ta' l-Imdina, bit-tama li xi darba jkun hu li jmexxi l-mużika. Kien f'dan iż-żmien li bħala Maestro di Cappella tal-Katidral kien hemm Dun Benigno Zerafa.



*Dun M'Anġ Vella (1710 - 1792)*

L-ewwel tagħlim mużikali ħadu taħt Dun M'Anġ Vella li fost l-aljievi tiegħu nsibu lil Nicolò Isouard, Giuseppe Burlò u Salvatore Magrin.

Ftit li xejn nafu dwar tfulitu. Mill-*Istatus Animarum* ta' l-1761, meta Francesco kellu mat-tlettax-il sena, insibu li kien *Chierico* fil-Grotta ta' San Pawl. [5] Ta' 15-il sena, l-familja minn butha stess bagħtet lil Francesco Napli biex jistudja l-mużika. Kien il-15 t'Ottubru 1763 meta Azopardi daħal fil-Konservatrju *San Onofrio* f'Napli. Din id-data hija meħuda mir-reġistru tad-dħul fil-konservatorju. F'dan l-istess reġistru nsibu li huwa telaq mill-konservatorju fl-1767 – ftit aktar minn tliet snin fejn kien kwalifikat bħala Maestro di Cappella.[6] Dwar din id-data jikkonferma Francesco Azopardi nnifsu fix-xhieda li ta għal stat liberu ta' Francesco Dipalvo. Azopardi jsemmi li dam tliet snin jistudja l-mużika f'Napli – *"rimasto in Napoli per il corso di tre anni a studiare la musica".* [7] Fl-istess żmien, f'dan il-konservatorju kien hemm Malti ieħor bl-isem ta' Francesco Agius li ma tantx dam jistudja f'dan il-post. [8]

Napli kellu erba' konservatorji – *Santa Maria di Loretu*, li kien l-akbar wieħed, *Poveri di Gesù Cristo, Santa Maria della Pietà dei Turchini* u l-iżgħar wieħed kien *San Onofrio a Capuana*. Fihom studjaw uħud mill-aqwa ċelebritajiet

fosthom Pergolesi, Leo, Durante, l-aljievi tagħhom Piccini, Traetta, Jommelli, Sacchini u Guglielmi. Wara, dawn il-konservatorji ngħaqdu f'wieħed bl-isem ta' *Collegio di San Sebastiano* magħruf wara bħala l-*Conservatorio di San Pietro a Maiella*. Skond Alberto Ghisalberti, f'Napli, Azopardi studja ma' Carlo Cotumaci u ma' Giuseppe Doll, filwaqt li Paolo Pullicino u Patri Andrea Tanti jgħidu li dan studja ma' Nicolò Piccini.[9] Wara t-tluq mill-konservatorju, Azopardi baqa' Napli sa l-1774. F'dawn is-snin, huwa bena reputazzjoni bħala għalliem ta' studenti ta' familji għonja u fil-monasterji. Tul daż-żmien, Azopardi għamel bosta żjajjar lil Malta kif ukoll kellu kuntatt mal-Kapitlu tal-Katidral dwar xogħol marbut ma' l-attività mużikali fil-Katidral. [10]

F'Napli, influwenzat mil-*Laudate Pueri* ta' Niccolo Jommelli u mill-iskola Naplitana, huwa kiteb quddiesa kbira għal żewġ korijiet. Barra din, huwa kkompona għadd ta' xogħlijiet oħra. [11]

**Organista u Maestro di Cappella fil-Katidral**

Fl-1773, l-isqof ta' Malta Monsinjur Pellerano kiteb u stieden lil Azopardi biex jirritorna lura Malta u b'hekk jokkupa l-post vakant ta' organista fil-Katidral. [12] Azopardi beda s-servizz t'organista fil-Katidral f'Awissu ta' l-1775 u baqa' jagħmlu sa Frar ta' l-1804, sakemm miet Dun Benigno Zerafa. Huwa laħaq Maestro di Cappella flok Zerafa f'Marzu ta' l-1804 – kariga li żammha sakemm miet fi Frar ta' 1809. [13] Fil-fatt, Zerafa kien għamel snin twal marid u Azopardi kellu jibqa' kważi sa mewtu bit-titlu ta' organista u mhux ta' Maestro di Cappella għalkemm kien iwettaq iż-żewġ uffiċċji. Dawn is-servizzi wassluh biex jikteb ħafna xogħlijiet fuq element sagru. Azopardi serva bl-istess karigi f'diversi knejjes u Parroċċi fosthom fir-Rabat, fil-Birgu, fiż-Żurrieq u fil-Mosta.

**Fil-Mosta...**

L-ewwel darba li Azopardi ħa ħsieb il-mużika waqt il-festa ta' l-Assunta fil-Mosta kien fl-1779. Is-sena ta' qabel dan kien f'idejn Dun Benigno Zerafa, li għal żewġ servizzi kien tħallas 40 skud u 10 tari. [14] Għall-istess żewġ servizzi fil-festa ta' l-1779, Azopardi tħallas 47 skud, 7 tari u 11-il gran. [15] Lil Azopardi nerġgħu nsibuh fil-Mosta fl-1794 meta l-Prokuratur Dun Francesco Pullicino ħallas lil Azopardi 46 skud u 6 tari għal quddiesa, Seconde Vespre u għall-mużika waqt il-proċessjoni. [16]

Azopardi baqa' jieħu ħsieb l-attività mużikali għal waqt il-festa sa l-1797. (ara l-ħlasijiet). [17] Fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, l-festi reliġjużi Maltin ma baqgħux isiru bl-istess impenn.

Ma' Azopardi nerġgħu niltaqgħu fis-sena 1805. Sa l-1808, Azopardi baqa' jieħu ħsieb il-mużika waqt il-festa. [18] L-1809, meta Azopardi kien miet, il-Prokuratur Dun Marino Galea ħallas lil Pietru Pawl Bugeja 78 skud u 4 tari għal quddiesa u Seconde Vespre. [19]

Fost ix-xogħlijiet komposti minnu, insibu wkoll dawk li jiġu esegwiti fil-jum tal-festa ta' l-Assunta. [20] Fl-1772, meta kien għadu Napli, kiteb l-Innu *Ave Maris Stella.* [21] Dan l-Innu reġa kkomponieh fl-1779 u fl-1801. [22] Fl-1778, Azopardi kiteb l-Antifona *Virgo Prudentissima* għal erba' vuċijiet [23] filwaqt li għaxar snin wara kiteb il-Gradwal *Propter Veritatem* u l-Offertorju *Assumpta Est Maria,* it-tnejn għal erba' vuċijiet [24] .

**Xogħlijiet Mużikali**

Azopardi kiteb kwantità kbira ta' mużika sagra fosthom quddies, salmi, numru kbir ta' antifoni, innijiet u responsorji.[25] Fost dawn insibu żewġ quddisiet, waħda komposta fl-1792 għall-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl u l-oħra l-*Messa de Requiem* komposta għall-funeral ta' Leopoldu II, Imperatur ta' l-Awstrija. Il-*Messa Pastorale* ta' l-1788 kienet milqugħa tajjeb mill-Kapitlu tal-Katidral. Żewġ quddisiet oħra "a otto voci" ġew komposti fl-1776 u 1798 rispettivament. Fl-1793, kiteb il-*Lauda Sion* li kienet esegwita fil-festa ta' Corpus Domini.

Azopardi kien ikkummissjonat minn diversi parroċċi biex jikteb xogħol ġdid għall-festi tal-post. Fost dawn, kiteb l-antifona *"Levite Laurentius"* għall-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu, *"In Sepulcrum"* għall-festa ta' San Filep ta' Aggira f'Ħaż-Żebbuġ u *"Sacerdos et Pontifex"* miktuba għall-festa ta' San Nikola ta' Bari, festa ċċelebrata fis-Siġġiewi. Bla dubju, waħda mill-isbaħ antifoni hija l-*"Vade Anania"* għal tenur solo – waħda mill-aħħar xogħlijiet li kiteb Azopardi. Il-kummissjoni biex kiteb il-*"Vade Anania"* saret mill-Kapitlu tal-Katidral fl-1807, jumejn biss qabel il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. Din l-antifona ġabet fit-tmiem l-istil tal-"cantus firmus" li kienet titkanta bih qabel din l-antifona.

Barra dawn ix-xogħlijiet sagri, kiteb ukoll oħrajn fuq element sekulari –arji u dwetti fuq libretti tal-famuż Metastasio. Fl-1784, kiteb id-dwett *"Nei Giorni Tuoi Felici",* filwaqt li fl-1802 fuq il-librett ta' l-istess Metastasio, ikkompona l-Oratorio klassiku *"La Passione di Cristo".* Dan l-Oratorio kien suċċess kbir meta ġie mtella' fit-teatru fil-Belt fl-istess sena li nkiteb. [26]

***Il Musico Pratico***

Huwa jibqa' l-aktar magħruf għat-trattat li kiteb fuq l-armonija u l-kuntrapunt




L-Antifona ***Virgo Prudentissima,***
*kompożizzjoni ta' Francesco Azopardi.*



Spese da me ordinata Can.co Giuseppe Rizzo Proc.re di questa S.ta Ch.a Catt.le in occasione del Funerale celebrato per il fu Imperatore Leopoldo II. à tenore della deliberaz.e Cap.le presa sotto li 6. Maggio 1792. approvata il d.o 16. del med.o

Celebrato il d.o 15. Maggio sud.o

Per Musica

Ad Angiolini p.mo Violinista — 3 — —
A Ferrani Violinista — 2 6
A Baldi Violinista — 2 6 —
A Giammalva Violinista — 2 6 —
Ad Emmanuele Vani — 2 6 —
A Fabri Oboe — 2 6 —
A Pietro Fagotto — 2 6 —
A Desalvo Violoncello — 2 10
Oboe — 1 —
Corno di Caccia — 1 — —
Altro — 1 —

23. 10. —

Per le Armi dipinte in carte grandi n.o 3. à 2. l'una — 6 —
Per mezzane n.o 18. à 1. l'una 1 6 —
Per altre n.o 33. à 1. gr.ni 10 l'una 4 1 10
Per trasporto di d.te Armi dalla Vatta — 4 —
Per Carta reale per le Inscriz.ni fog. n.o 42 1 6 12
Al Sig. D. Ant.o Borg. per aver scritto à lettere majuscole le d.e Inscriz.ni ed altro 3 — —
Per farina 1/2 — 1 —
Per 1. di Chiodi — 3 15
Per Chiodetti — 2 5
Per Oncie due di Spago — — 15
A sei Uom.ni per aver trasportato, e messo à suo luogo la Machina, e averla levata, più per aver accommodati i Telari, e d.a Machina, messo le Inscriz.i e le Armi, e averle levati — 3 6 —
Per un Uomo, e Cavalcatura portare la Tapezzeria nera dalla Senglea — — 10 —
Per Barca — — 1 10

27

16. 1. 7.

*(A.C.M. Dep. 36 f. 27) Ħlas lill-mużiċisti u lill-kantanti li ħadu sehem fil-funeral (Messa Funebre) ta' l-Imperatur Leopoldo II. Il-**Messa de Requiem** ġiet komposta minn Francesco Azopardi.*



*Il-qabar tal-Maestro di Cappella Francesco Azopardi fil-Katidral, Imdina.*

bejn l-1782 u l-1785. "Il Musico Pratico" kien iddedikat lill-Kavallier Vincenzo Vergada y Ribera. Dan ix-xogħol ġie maqlub għall-Franċiż mill-mużiċista Nicolas Framery u ppublikah f'żewġ volumi f'Pariġi fl-1786. Fl-1824, dan kellu reviżjoni u reġa' ġie ppublikat minn Alexandre Choron.

L-edizzjoni ta' Framery ġiet introdotta lill-kommunità Pariġina fi żmien il-monarkija minn Gretry. Fl-amministrazzjoni ta' Luigi Cherubini dan ix-xogħol kien imfittex fil-konservatorju ta' Pariġi. Cherubini nnifsu jikkwota parti minn dan ix-xogħol fl-istudju tiegħu tal-kuntrapunt "Cours de Contrepoint et de fugue" (1835).

Fuq l-istess studju t'armonija u kuntrapunt, Francesco Azopardi kiteb studju kritiku fuq l-oriġini tal-mużika fix-xogħol ta' Dun Antonio Esimeno, qassis Spanjol li għex f'Ruma fl-1780.

Barra li kien organista, Maestro di Cappella u kompożitur prolifiku, Azopardi kien ukoll għalliem ta' livell għoli. Taħtu studjaw Nicolò Isouard, Pietru Pawl Bugeja, Dun Giuseppe Burlò, Dun Giuseppe Principato, Dun Teodoro Piscopo u Marianna Schembri, bint l-imħallef Giovanni Schembri. Marianna Schembri kienet eċċezzjoni li għallem Azopardi peress li kellu karattru skrupluż. Ħafna jsostnu li Marianna Schembri kienet tgħix mal-familja t'Azopardi fiż-żmien l-imblokk tal-Franċiżi. [27]

## Lejn it-Tmiem

Il-ħajja mpenjattiva t'Azopardi waslet fi tmiema wara marda kiefra. Francesco Azopardi miet fis-6 ta' Frar 1809 fid-dar tiegħu fi Triq San Franġisk fir-Rabat.[28] Il-funeral tiegħu sar mill-Kaptilu tal-Katidral u wara ġie midfun fil-Katidral stess. Fit-testment, il-wirt mużikali ħallieh lil oħtu Teresa.

Il-mużika t'Azopardi tista' tgħid li hija l-aktar waħda mfittxija biex tiġi esegwita f'pajjiżna. Il-mużika tiegħu li fiha tiġbor l-element galanti u klassiku qed terġa' tieħu l-ħajja permezz ta' bosta rekordings li qed isiru fil-preżent. B'hekk dan il-wirt jerġa' jqum u bix-xieraq jidħol fir-ripertorju internazzjonali.

**Tagħrif dwar il-familja ta' Francesco Azopardi**

Iż-żwieġ bejn Salvatore, iben Duminku Azzopardi u Anna, bint Ġużeppi Agius li kienu t-tnejn mir-Rabat seħħ fit-2 ta' Lulju 1730. [29] Huma kellhom sitt ulied: Beatrice Teresa, Pietru Pawl, Aurelio, Rosa, Giuseppe u Francesco. Salvatore Azzopardi miet fl-età ta' 86 sena fit-8 ta' Jannar 1794. [30] Anna Azzopardi, armla ta' Salvatore mietet fit-18 ta' Diċembru 1796 fl-età ta' 91 sena. [31]

BEATRICE TERESA twieldet fis-26 ta' Marzu 1731 u tgħammdet l-għada minn Dun Ġużepp Cucciardi. Ġiet mogħtija l-ismijiet ta' Beatrice Teresa. Il-parrinijiet kienu Giovanni Lusano u Maria Teresa Gauci. [32] Hija baqgħet xebba tgħin fil-bżonnijiet tal-ġenituri tagħha u ta' ħuha Francesco sakemm miet fl-1809. Hija kienet Terzjarja Agostinjana. Suor Teresa mietet fid-29 ta' Novembru 1828 fl-età ta' 93 sena. Midfuna fil-knisja ta' l-Agostinjani fir-Rabat. [33]

PIETRU PAWL Twieled fid-29 ta' Ġunju 1734 u ġie mgħammed l-għada minn Dun M'Anġ Mamo. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Pietru Pawl u Salvatore. Il-Parrinijiet kienu Ferdinando Castelletti u Flavia Gauci. [34] Ġie ordnat Kolleġjat fil-Grotta ta' San Pawl fil-11 ta' Marzu 1755. [35] Fl-1765, l-organar Pietro Turiglio qabbad lil Fra Pietru Pawl Azzopardi, kolleġjal tal-Grotta biex jikkura l-orgni f'ismu. Huwa kien organista fil-Grotta fl-1774. Rev. Pietru Pawl – kappillan ta' L-Ordni Gerosolmitan fil-Kripta ta' San Pawl miet fl-4 ta' Marzu 1808 fl-età ta' 73 sena. [36]

AURELIO twieled fil-21 t'Ottubru 1736. Tgħammed fil-knisja ta' San Pawl, Rabat minn Dun Andrea Cachia. Il-parrinijiet kienu il-Viċi Parroku Dun M'Anġ Mamo u Maria armla ta' Domenico Micallef mir-Rabat. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Aurelio, Giovanni, Antonio, M'Angelo u Giuseppe.[37] F'Settembru ta' l-1759 huwa żżewweġ lil Rosa Schembri mir-Rabat. [38] Huma kienu joqgħodu r-Rabat. Aurelio miet fl-età ta' 61 sena fl-10 t'Ottubru 1797. [39] Rosa, armla ta' Aurelio mietet fl-età ta' 70 sena fit-8 t'April 1799. [40]

ROSA twieldet fl-10 ta' Diċembru 1738 u tgħammdet l-għada fil-knisja Parrokkjali tar-Rabat mill-Viċi Parroku Dun M'Anġ Mamo. Il-parrinijiet kienu

Andrea Gristi u Anna Mamo. Ġiet mogħtija l-ismijiet Margerita, Gratia u Rosa. [41] Hija żżewġet lil Gio. Battista Micallef mir-Rabat. [42] Grazzja Micallef, armal ta' Gio. Batta mietet fl-età ta' 72 sena fid-19 ta' Novembru 1811. [43]

GIUSEPPE twieled fit-23 ta' Jannar 1744 u ġie mgħammed jumejn wara (il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl) fil-knisja Parrokkjali tar-Rabat mill-Viċi Parroku Dun M'Anġ Mamo. Il-parrinijiet kienu Publio u Anna mart Pietru Pawl Pace. L-ismijiet mogħtija kienu Giuseppe u Antonio.[44] Ġie ordnat Kolleġjat fil-Grotta ta' San Pawl fil-21 ta' Novembru 1752.[45] Rev. Don Giuseppe Azzopardi – kappillan tal-Kripta ta' San Pawl miet fl-età ta' 78 sena fit-22 t'April 1820. [46]

## NOTI U RIFERENZI

1. Ara l-lista tal-Maestri di Cappella fil-Mosta (ppublikata fil-programm tal-Festa tas-sena l-oħra maħruġ mill-Każin tal-Banda Santa Marija, Mosta. Din il-lista hija kkumpilata minn Dun Salv Magro – P.75.

2. Ara **Tagħrif dwar il-Familja ta' Francesco Azopardi.**

3. L-ewwel Status Animarum ta' l-Imdina u r-Rabat tas-seklu 18 (li nstab s'issa) huwa dak li jġib is-sena 1759. A.C.M. Misc 193 (Status Animarum) 1759 f. 5. Fil-Quartiere del Sig. Conte Felice Manduca insibu joqgħod lil Mro Salvatore Azopardi (49), il-mara tiegħu Anna (53) u uliedu Teresa (28), Aurelio (23) u Francesco (11). It-tliet ulied l-oħra ma jidhru qatt mal-lista tal-familja f'dawn l-Istatus Animarum. Fil-fatt, il-Kolleġġjati Pietru Pawl u Giuseppe kienu diġà jgħixu u jaqdu dmirijiet fil-Grotta ta' San Pawl. Oħthom l-oħra Rosa, kienet diġà żżewwġet lil Battista Micallef mir-Rabat u telqet mid-dar. (Fil-parentesi jidhru l-etajiet tagħhom. Dwar dawn l-etajiet ma tridx toqgħod fuqhom peress li ħafna drabi minn sena għal oħra kien ikun hemm varjazzjoni sostanzjali).

4. Arkivju Parrokkjali (A.P.) Notabile Lib. Bapt. Vol. lv p. 398.

5. A.C.M. Misc 193 Status Animarum: Notabile/Suborgio 1761 f. 5.

6. di Giacomo S. : I Quattro Antiche Conservatorii Musicali di Napoli (Remo Sandron Ed.) p. 104.

7. C.E.M. Acta Originalia 828 (1777): Francesco Dipalvo (Dictum)

8. di Giacomo S. : I Quattro Antiche Conservatorii Musicali di Napoli.

9. Carlo Cotumaci, student ta' Alessandro Scarlatti kien organista fil-knisja ta' Casa dell'Annunziata Churati. Kien ukoll kompożitur. Bħala għalliem, Cotumaci mexa fuq it-tradizzjoni ta' Francesco Durante. Fost l-aljievi f'*San Onofrio* nsibu lil Giovanni Paisiello u Giovanni Furnè li studjaw ma' Cotumaci. Giuseppe Doll mill-Bavarja kien magħruf l-aktar bħala mużiċista. Kien organista fl-era Naplitana. Doll kien student ta' Durante u ta' Francesco Feo.
Patri Andrea Tanti, Karmelitan għamel l-"Elogio" waqt il-funeral ta' Francesco Azopardi. P. P. Pullicino kiteb il-biografija ta' Azopardi u ġiet ippubblikata f'Malta fl-1876.

10. A.C.M. Reg. Del. Cap. Vol. 10 (1772-1778) f. 37v.

11. Jomelli għamel ftit żmien f'Napli qabel ma serva ta' Maestro di Cappella f'San Pawl, Ruma. Miet fl-1774 f'Napli stess. Fost il-manuskritti li ġab Azopardi miegħu minn Napli kien hemm xogħol ta' Jomelli. Dawn jinsabu fl-arkivju mużikali tal-Katidral fl-Imdina.

12. Applikazzjoni għall-post t'organista u l-kariga futura ta' Maestro di Cappella ta' Francesco Azopardi saret f'Diċembru ta' l-1773. C.E.M. Acta Originali Vol. 333 (1772-73) f. 620.

13. Bruni Franco: Musica Sacra a Malta: Le Cappelle delle Cattedrale di S. Paolo e della Concattedrale di S. Giovanni Battista nel XIX Secolo (PEG, Malta 1993) p. 87.

14. Arkivju Parrokkjali, Mosta: Esito Veneranda Lampade (1776 - 1837) f. 16.

15. L-istess f. 21.

16. L-istess f. 164.

17. Fl-1795, il-Prokuratur Don Felice Mangion ħallas lil Azopardi 52 skud 4 tari per una Messa, Seconde Vespre e Processione in musica (l-istess f. 172). Għall-festi ta' l-1796 sal-1806, il-prokuratur kien Dun Francesco Pullicino. Fl-1796, Azopardi tħallas 44 skud 4 tari per Una Messa, Primo u Seconde Vespre (l-istess f. 180). Fl-1797, kien tħallas 52 skud per una Messa e Seconde Vespre (l-istess f. 196). Fl-1805, tħallas 70 skud 4 tari per Una Messa, Seconde Vespre e processione in musica. Għal Matutin tħallas 2 skudi u 6 tari (l-istess f. 271). Fl-1806, tħallas 74 skud 4 tari per Matutino, Una messa, Seconde Vespre e processione in musica (l-istess f. 279). Fl-1807, tħallas 73 skud per Matutino, una Messa, Seconde Vespre e Falso Bordoni (l-istess f. 286).
Mat-tluq ta' l-ordni ta' San Ġwann, il-gżejjer Maltin ġew maqsuma fi 12-il muniċipju. F'Ġunju ta' l-1798, in-Naxxar, Ħal Għargħur u l-Mosta saru muniċipju wieħed. Kien żmien ta' riforma fil-knisja. Is-serq li l-Franċiżi għamlu mill-knejjes

għonja tagħna beda jqanqal il-mibegħda għaliex il-Maltin minn dejjem kellhom għeżież il-knejjes tagħhom. Il-Mosta, qrib l-Imdina kienet minn ta' l-ewwel li qamet għall-għajnuna. Il-Mostin kellhom sehem kbir fil-konġura tal-Maltin bl-akbar lista ta' mwiet suldati fl-assalt ta' Marsamxett. (Tagħrif meħud mill-Istorja tal-Mosta miġbura minn E. B. Vella u Oħrajn (Empire Press, 1972).

18. Fl-1808, il-Prokuratur Don Marino Galea ħallas lil Azopardi 66 skud 9 tari per Matutuino, Messa, Seconde Vespre e Processione in Musica (L-istess f. 295).

19. L-istess f. 302. Sew Azopardi kif ukoll Pietru Pawl Bugeja kienu Maestri di Cappella tal-Katidral. Billi fil-Katidral kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' l-Assunta, allura jista' jkun ukoll li dawn kienu jibagħtu mużiċisti oħra minflokhom fis-servizzi fl-irħula l-oħra.

20. Dawn ix-xogħlijiet ma jfissirx li ġew komposti għall-festa tal-Mosta.

21. A.C.M. Mus. Ms. 529.

22. A.C.M. Mus. Ms. 530 u 531. L-1779 kienet l-ewwel sena li fiha Azopardi ħa ħsieb il-mużika fil-festa fil-Mosta.

23. A.C.M. Mus. Ms. 689

24. A.C.M. Mus. Ms. 381, 414.

25. Il-wirt mużikali t'Azopardi jinsab f'diversi Arkivji fosthom dak fil-Katidral, fl-Imdina, fil-Crypta ta' S. Pawl (Rabat), fil-Kunvent tal-Patrijiet ta' l-Art Mqaddsa (Valletta), fil-Kunventi tal-Karmnu fil-Belt u fl-Imdina, fl-arkivji Parrokkjali tal-Mellieħa u B'Kara, fil-Katidral t'Għawdex u f'bosta kollezzjonijiet privati. Dwar il-mużika t'Azopardi li tinsab fl-arkivju tal-Katidral f'Għawdex, Grazio A. Grech jikteb fl-artiklu interessanti tiegħu dwar il-mużiċisti fil-Katidral t'Għawdex – *Fl-1822, il-Katidral t'Għawdex akkwista wkoll xi Responsorji tal-Ġimgħa Mqaddsa bi prezz ta' 15-il skud, kompożizzjoni mużikali ta' Francesco Azopardi.* (Programm tal-festa ta' S. Marija maħruġ mill-Banda Leone, Victoria - Għawdex 1989).

26. Partijiet minn dan l-Oratorju jinsabu fl-Arkivju tal-Karmnu fl-Imdina.

27. Galea Michael: Mons. Dr Paolo Pullicino (1815 - 1890) Vexellina Press, Malta 1991) p.2.
    Fl-1814, Arcangelo Pullicino żżewweġ lil Marija Anna Schembri, bint l-Imħallef. Hija kienet waħda mill-aħjar aljievi bħala pjanista tal-Maestro Kompożitur Francesco Azopardi.

    Dwar it-tagħlim tal-mużika lill-bniet, ma kinitx ħaġa komuni. Dawk li kienu jintbagħtu għal-lezzjonijiet tal-mużika kienu wlied in-nobbli. Waħda minn dawn

il-ftit kienet ċertu Marija Teresa, bint il-Konti Injazju Muscati Navarra mill-Belt. Din kienet tmur għal-lezzjonijiet tal-mużika għand Giuseppe Sanmartino. (A.I.M. Processi Crim. 123B f. 543; Ciappara Frans – Marriage in Malta in the late 18th Century (Associated News Ltd. 1988) pp. 114-115).

28. Crypta, S. Pauli, Rabat: Status Animarum 1808 (Nru. 180)
Għal bosta snin, ħdejn Francesco Azopardi kien joqgħod it-Tenur Naplitan Gaetano Schiatone li kien attiv fil-Katidral bejn l-1780 u l-1814.
A. P. Notabile Lib. Mort Vol. V f. 85.

29. A. P. Notabile Lib. Matr. Vol. IV (1723-1774) p. 79.

30. L-istess Lib. Def. Vol. IV (1757-1801) p. 2023 (numerazzjoni qadima).

31. L-istess p. 3009.

32. L-istess Lib. Bapt. Vol. IV (1716-1751) p. 183.

33. L-istess Lib. Def. Vol. VII (1819-1854) p. 94.

34. L-istess Lib. Bapt. Vol. IV p. 221.

35. Tagħrif mogħti minn Dun Ġwann Azzopardi; Ed. Canon John Azzopardi – St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta (Progress Press, 1990) p. 251.

36. A. P. Notabile Lib. Def. Vol. V (1801-1809) f. 74v.

37. L-istess Lib. Bapt. Vol. IV p. 250.

38. L-istess Lib. Matr. Vol. IV p. 396/7.

39. L-istess Lib. Def. Vol. IV p. 3033.

40. L-istess p. 4034.

41. L-istess Lib. Bapt. Vol. IV p. 275.

42. L-istess Lib. Matr. Vol. IV p. 329.

43. L-istess Lib. Def. Vol. VI (1809 - 1819) p. 42.

44. L-istess Lib. Bapt. Vol. IV p. 313.

45. Tagħrif mogħti minn Dun Ġwann Azzopardi, Ed. Canon John Azzopardi – St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta p. 251.

46. A. P. Notabile Lib. Def. Vol. VII (1819-1854) p. 17.

## BIBLIOGRAFIJA

Aquilina Frederick: Mass for the Dead (1792) by Francesco Azopardi: (Teżi BA (Hons) Università ta' Malta, 1993).

Azzopardi Dun Ġwann: Il-Katidral ta' l-Imdina: Kappella Mużikali u Arkivju Mużikali (Kungress Nazzjonali April, 1991).

Azzopardi Dun Ġwann: Mużika u Mużiċisti fil-Kolleġjata ta' San Pawl, Rabat (Il-Festa Tagħna, 1988).

Brontley Adams Oliver: Francesco Azopardi's "Il Musico Pratico". An annotated translation and critical study of its French Edition by Framery (1786) and Choron (1824). (The University of Texas at Austin, 1991).

Bruni Franco: Musica Sacra a Malta: Le Cappelle delle Cattedrale di S. Paolo e della Concattedrale di S. Giovanni Battista nel XIX Secolo.

Buhagiar Spiridion Vincent: The Musico Pratico by Francesco Azzopardi, a Maltese theorist in the Italian Tradition (Teżi Master of Music, Fakultà tal-Mużika, Ontario, 1988).

Cefai Aris: Is-Sehem tal-banda qabel l-1869 (Il-Festi Tagħna 1994).

Frendo Maria: Mass in G for SATB, soli, double Chorus & Orchestra by Francesco Azopardi – a critical edition (Teżi Fakultà ta' l-Edukazzjoni, Univ. ta' Malta 1987)

Mangion Anthony/Zerafa Karmenu: Santa Katerina – Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq. (Soċjetà Mużikali Santa Katarina, Żurrieq 1989)

Pullicino Paolo: Notizie Biografico di Francesco Azzopardi (Malta 1876).

Vella E.B. u Oħrajn: L-Istorja tal-Mosta (Empire Press, 1972).

Vella Joseph: L-identità kulturali ta' Malta – Il-Mużika. (Kungress Nazzjonali, April 1989)

Ħajr: Dun Ġwann Azzopardi, Rev. Arċipriet ta' l-Imdina Dun Mattew Chircop, Tony Terribile, Saviour Dimech, Dun Salv Magro (Mosta).